

22002A0130(03)

30.1.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 28/130

FTEHIM**fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li jipprovdu għall-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel dwar il-kummerċ fl-inbid mit-28 ta' Jannar 2002***A. Ittra mill-Komunità*

Paarl, 28 ta' Jannar 2002

Sinjur,

Għandi l-unur illi nirreferi għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel dwar il-kummerċ finbid iffirmat illum.

Sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, għandi l-unur li nipproponilek li l-Komunità Ewropea u l-Afrika t'Isfel japplikaw proviżorjament mit-28 ta' Jannar 2002 id-disposizzjonijiet kollha tal-Ftehim kif ukoll l-Annessi u Protokollu u Dikjarazzjonijiet meħmużin miegħu.

Jekk dan ta' fuq huwa aċċettabbli għall-Afrika t'Isfel, din l-ittra u l-konferma tiegħek għandhom flimkien jikkostitwixxu Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel.

Jekk jogħġbok aċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla apprezzament tagħna,

*Fisem il-Komunità Ewropea**B. Ittra mill-Gvern tar-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel*

Paarl, 28 ta' Jannar 2002

Sinjur,

Għandi l-unur nirrikonoxxi l-irċevuta ta' l-ittra tiegħek li ġġib id-data tal-lum li tinqara hekk:

“Għandi l-unur illi nirreferi għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel dwar il-kummerċ finbid iffirmat illum.

Sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, għandi l-unur li nipproponilek li l-Komunità Ewropea u l-Afrika t'Isfel japplikaw proviżorjament mit-28 ta' Jannar 2002 id-disposizzjonijiet kollha tal-Ftehim kif ukoll l-Annessi u Protokollu u Dikjarazzjonijiet meħmużin miegħu.

Jekk dan ta' fuq huwa aċċettabbli għall-Afrika t'Isfel, din l-ittra u l-konferma tiegħek għandhom flimkien jikkostitwixxu Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel.”

Nistà nikkonferma li r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel taqbel mal-kontenut ta' l-ittra tiegħek.

Jekk jogħġbok aċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla apprezzament tagħna,

Fisem ir-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel